**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**ILLUM 26 TA' Marzu 2025**

**Rikors Ġuramentat Numru: 171/2020 AF**

**Mahedi Hasan, Matubur Mamun,**
**Babulmia Mohammed Bepari**
**U Saiful Islam**

**vs**

**Kummissarju tal-Pulizija bħala l-Uffiċjal Ewlieni tal-Immigrazzjoni**
**U l-Avukat tal-Istat**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tiegħu wara li ġie premess:

Illi l-atturi huma kollha ta' nazzjonalita' Bangladexx ;

Illi, mal-wasla tagħhom f'Malta l-atturi applikaw mal-Kummissarju tar-Refuġjati sabiex jottjenu għar-raġunijiet zvarjati bejniethom protezzjoni intenazzonali u jiksbu l-istatus ta' rifuġjat.

Illi, r-rikorrenti talbu għal-azil quddiem il-Kummissarju tar-Refuġjati, liema talba ma ġietx milqugħa b'deċizjoni tiegħu u dan mingħajr ma ta ebda raġunijiet liema deċizjonijiet sussegwentement ġew appellati mir-rikorrenti quddiem il-Bord tal-Appelli dwar ir-Refuġjati liema Bord għadda sabiex jikkonferma id-deċiżjoni tal-Kummissarju għar-Refuġjati;

Illi, l-atturi jħossu li l-Kummissarju tar-Refuġjati l-Kummissarju tar-Refuġjati u l-Bord tal-Appelli dwar ir-Refuġjati illediet id-dritt fundamentali tagħhom meta għaddiet sabiex tagħti id-deċiżjoni tagħha mingħajr ma tat l-opportunita` lir-rikorrenti jirribattu dawk l-istess provi u dan kif ser jiġi muri ampjament waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża u dan bi ksur tal-prinċipju bażiku tal-ġustizzja naturali *audi alteram partem*;

Illi, bid-dovut rispett, il-Kumissarju tar-Refuġjati ma' jistgħax bħala awtorità kważi-ġudizzjarja jaġixxi ta' Tribunal indipendenti u imparzjali u jiggarantixxi li applikant ser ikollu dritt ta' smigħ xieraq tal-applikazzjoni quddiemu u dan peress li l-Kummissarju tar-Refuġjati ma huwiex maħtur b'dawk l-istess kriterji u bl-istess protezzjonijiet li l-liġi tagħti lill- ġudikanti fil-Qrati li huma intizi sabiex jiggarantixxu dawk l-istess elementi ta' indipendenza u imparzjalita`u dan bil-għan li l-ġudikant jiddelibera u jasal għal deċiżjoni bl-aktar mod seren u li l-hinn minn kwalsijasi influwenza;

Illi, għalhekk l-atturi m' għandhom ebda garanzija li l-Kummissarju tar-Refuġjati, meta jasal għad-deċiżjonijiet tiegħu, huwa ħa dawk id-deċiżjonijiet li ħa a bazi biss tal-liġi u tad-drittijiet fundamentali u libertajiet

tagħhom u mhux skont il-politika tal-Gvern tal-ġurnata fir-rigward tal-Immigrazzjoni;

Illi, ma hemmx serħan mill-ksur ta' dan id-dritt u ma jeżisti ebda sanar tad-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Refuġjati billi wieħed jargumenta li dawk il-miżuri li jiggarantixxu tali indipendenza u imparzjalita, huma imbagħad minsuġa fil-Bord tal-Appell u dan peress li t-tutela u l-garanzija tad-drittijiet fundamentali u libertajiet tal-bniedem iridu jissussistu tul il-proċess ġudizzjarju jew kważi-ġudizzjarju kollu u mhux f'parti minnu biss;

Illi, mingħajr preġudizzju u subordinatament għas-suespost, salv impreġudikat għal dak li ser isegwi aktar il-quddiem fuq dan ir-rikors u kemm il-darba huwa ferm dibattibbli kemm l- membri tal-Onorabbli Bord tal-Appell tar-Refuġjati jistgħu jitqiesu bħala ġudikanti indipendenti u imparzjali u dan biss u limitatament għar-rekwiżiti u l-proċess li jwassal għal-ħatra tagħhom, jibqa' però in l-fatt li l-ħarsien tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq għeluq żmien ragonevoli a tenur l-**Art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-Art. 6 tal-Att dwar il- Konvenzjoni Ewropea**, irid ukoll jissussisti tul 'l-proċess kollu tal-indaġni tal-applikazzjoni tal-atturi u mhux biss f'parti minnu;

Illi, mingħajr preġudizzju u subordinatament għas-suespost, hemm konsiderazzjonijiet oħra ukoll fejn il-leżjoni ta' dan id-dritt ippersista oltre għal kunsiderazzjoni dwar l-indipendenza u imparzjalita` tal-funzjonarji tal-uffiċji rispettivi tal-Bord tal-Appell u dak tal-Kummissarju;

Illi, mingħajr preġudizzju u subordinatament għas-suespost, l-ħarsien ta' dan id-dritt suprem ġie mittiefes meta l-Kummissarju naqas li jinforma lill-applikanti, qua atturi, dwar:

i) il-konsegwenza tal-intervista tagħhom u l-importanza ta' dak kollu li jgħidu x'impatt jista' jkollu fuq id-deċiżjoni tiegħu; u sinifikativament

ii) id-dritt tagħhom għal konsulenza u rappreżentanza legali f'kull stadju tal-applikazzjoni tagħhom;

Illi, sussidjarjament ukoll, jeżisti b'mod ġenerali, nuqqas ta' *parity of arms* meta wieħed iqis u jipparaguna l-appelli imressqa mill-applikanti appellanti u r-risposti mogħtija mill-Kummissarju tar-Refuġjati quddiem l-Bord tal-Appelli;

Illi, inoltre, l-Bord tal-Appelli dwar ir-Refuġjati marret kompletament *ultra vires* ukoll meta aġixxiet sija ta' ġudikant kif ukoll ta' prosekutur minnflok bħala tribunal indipendenti u imparzjali meta iddeċidiet dwar il-mertu ta' fatti ikkostatati u dan bi ksur id-dritt fundamentali tal-appellant li jkollu smigħ xieraq taħt dawk il-garanziji forniti taħt il- Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

Intalbet din il-Qorti :

1. Tiddikjara illi d-deċiżjonijiet tal-Bord tal-Appelli tar-Refuġjati kif ukoll d-deċiżjonijiet tal-Kummissarju tar-Rifuġjati tal-atturi huma bi

ksur id-dritt fondamentali tar-rikorrenti għal smigħ xieraq senjatament *ai termini* tal-Art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-Art. 6 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali; u

2. Konsegwentement għall-Ewwel Talba, tħassar u tannulla d-deċiżjonijiet tal-Kummissarju tar-Refuġjati kif ukoll tal-Bord tal-Appelli tar-Rifuġjati fuq imsemmija; u

3. Konsegwentement għat-Tieni Talba, tordna lill-Kummissarju tar-Refuġjati jerġa' jikkonsidra l-applikazzjoni tal-atturi mill-bidu nett u taħt dawk il-provvedimenti li dina l-Onorabbli Qorti jidrilha li huma xierqa għas-salvagwardja u protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u libertajiet tal-applikanti qua atturi; u/jew alternativament ;

4. Tordna il-Bord tal-Appelli tar-Refuġjati terġa' tisma' l-appelli tal- atturi u dan taħt dawk il- provvedimenti li dina l-Onorabbli Qorti jidrilha li huma xierqa għas-salvagwardja u protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u libertajiet tal-applikanti qua atturi.

Rat ir-risposta tal-intimati l-Kummissarju tal-Pulizija bħala l-Uffiċjal Ewlieni tal-Immigrazzjoni u l-Avukat tal-Istat li permezz tagħha ġie eċċepit:

Illi l-eċċezzjonijiet tal-esponenti hawn taħt elenkati qegħdin jingħataw mingħajr preġudizzju għal xulxin:

Illi l-ilment tar-rikorrent huwa fis-sens illi "*d-decizjonijiet tal-Bord tal-Appelli tar- Refuġjati kif ukoll id-deċizjonijiet tal-Kumissarju tar-rifuġjati tal-atturi huma bi ksur id-dritt fondamentali tar-rikorrent ghal smigħ xieraq għaliex hemm nuqqas ta' parity of arms kif wkoll għaġir ultra vires meta l-Kummissarju tar-rifuġjati jiddeċiedi sija ta' ġudikant u ta' prosekutur u li hemm nuqqas ta' indipendenza u imparzjalita mill-awtoritajiet ġudikanti ...*" u qieghed jitlob dikjarazzjoni illi d-deċizjonijiet tal-Bord tal-Appelli dwar ir-Refuġjati u tal-Kummissarju tar-refuġjati kif elenkati fir-rikors ġuramentat in risposta jilledu l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u jitlob li jitħassru u jiġu annullati tali deċizjonijiet u tordna l-Bord terġa tisma l-appelli tal-atturi;

Illi l-esponenti jissottomettu li l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet segwenti:-

Illi in linea preliminari, l-għoti jew ċaħda ta' status ta' refuġjat (*ai termini* tal-artikolu 8 tal-Kap 420 tal-Liġijiet ta' Malta) ma taqax fil-mansjonijiet u r-responsabbilitajiet tal-Kummissarju tal-Pulizija bħala Ufficjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni li konsegwentement mhuwiex il-leġittimu kontradittur għat-talbiet tar-rikorrent u għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju kif wkoll a tenur tal-Artikolu 181B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta);

Illi in linea preliminari l-esponenti jeċepixxu illi r-rikors promotur huwa neboluz u konfuzjonali fit-test tiegħu u dan stante illi m'hemmx ċertezza fil-premessi proposti mill-atturi dwar liema attur jew atturi qiegħdin jiġu

mqajma kontestazzjonijiet u allegazzjonijiet, u dan ovvjament a skapitu tad-difiza li jistgħu jressqu l-esponenti f'dawn il-proċeduri;

Illi preliminarjament ukoll, l-esponenti jeċċepixxu n-nuqqas ta' applikabbilita' tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-kaz odjern;

Illi in linea preliminari wkoll, l-esponenti jeċċepixxu li għal dak li jirrigwarda l-jedd ta' smigħ xieraq, il-Qrati tagħna kif ukoll ta' Strasburgu dejjem irritenew illi sabiex japplikaw l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja rispettivament jridu tabilfors jitqiesu l-fatturi proċesswali partikolari tal-kaz, b'mod illi biex jiddeterminaw jekk kienx hemm ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq, iridu jqisu l-proċess kollu kemm hu fl-assjem tiegħu. Dan ifisser li l-Qorti ma tistax u m'għandhiex tiffoka fuq biċċa waħda mill-proċess sħiħ ġudizzjarju biex minnu jekk issib xi nuqqas tasal għall-konkluzjoni li ta' bilfors seħħ ksur tal-jedd għas-smigħ xieraq (ara **Adrian Busietta vs Avukat Generali** deċiza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Marzu 2006 u **Dimech v. Malta** deċiza mill-Qorti Ewropeja fit-2 ta' April 2015);

Illi fil-mertu, in kwantu r-rikorrenti jallegaw li ma ngħatawx smigħ xieraq mill-Bord tal-Appelli dwar ir-Refuġjati u li d-deċizjoni ta' tal-istess Bord hija waħda mhux korretta, l-esponenti jissottomettu li r-rikorrenti ma jistgħux jinqdew bi proċeduri kostituzzjonali u konvenzjonali ghas-semplici raġuni, li skont huma, awtorita' ġudizzjarja tkun zbaljata fis-sentenza tagħha. Huwa magħruf kemm fid-duttrina kif ukoll fil-ġurisprudenza li mhijiex il-

funzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti li ssewwi 'zbalji' tal-Qrati ordinarji. Ma jista' jkun hemm l-ebda dubbju illi l-ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti hija limitata biss biex tinvestiga u tiddetermina jekk kienx hemm jew le vjolazzjoni ta' xi dritt fundamentali izda ċertament li ma tistax tistħarreġ jekk il-Qrati ordinarji (jew tribunal u Bordijiet) iddeċidewx b'mod tajjeb u korrett tilwima. Illi minn qari tar- rikors promotur jinzel biċ-ċar li r-rikorrenti qegħdin jistiednu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tidħol fil-mertu fattwali tal-appelli deċizi mill-Bord tal-Appelli dwar ir-rifuġjati. Fir-rikors promotur tiegħu r-rikorrenti mkien ma jfissru kif ġie vjolat id-dritt ta' smigħ xieraq izda dak li qegħdin jittentaw li jagħmlu huwa li jikkontestaw l-mod kif ġew deċizi l-appelli in konfront tagħhom mill-Bord u dan minħabba l-kunsiderazzjonijiet li fuqhom ibbaza l-istess Bord. Fil-fehma tal-esponenti tali kontestazzjoni toħroġ il barra mill-iskrutinju li jaħsbu għalih il-Kostituzzjoni u l- Konvenzjoni;

Illi mhux kull interpretazzjoni ħazina tal-fatti twassal għal ksur tad-dritt fundamentali u mhux kull meta kawza tintilef minħabba interpretazzjoni jew apprezzament ħazin tal-fatti jagħti dritt illi l-mertu tal-kaz ikun ezaminat mill-ġdid minn ottika ta' drittijiet fundamentali. Illi l-qrati mogħnija b'setgħa kostituzzjonali u konvenzjonali ma għandhomx jiġu mibdula f'qrati tat-tielet jew raba' istanza izda dawn il-qrati huma mogħtija s-setgħa li, f'kaz ta' ilment dwar ksur tad-dritt fundamentali tal-persuna għal smigħ xieraq quddiem qorti indipendenti u imparzjali, tistħarreġ l-imġiba ta' kull awtorita' ġudikanti oħra, imqar jekk tkun waħda ġerarkikament ogħla minnha. Izda dina s-setgħa wiesgħa hija limitata fis-sens li l-Qrati ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali ma għandhomx iqisu jekk il-

Qrati mixlija bi ksur ta' jedd ta' smigħ xieraq ikkommettewx zball ta' liġi jew ta' fatt fid-deċizjonijiet tagħhom (ara ***Domenico Savio Spiteri vs Avukat Ġenerali*** et deċiza fit-2 ta' Ottubru 2001). Hija setgħa limitata biex tqis jekk il-proċediment li minnu tressaq ilment ta' nuqqas ta' smigħ xieraq kienx tassew wieħed imparzjali u 'skond il-liġi' (ara **Fatiha Khallouf vs Il-Kummissarju tal-Pulizija** et deċiza fit-28 ta' Diċembru 2001). Illi għalhekk, proċeduri magħmula abbazi ta' allegat ksur tad-drittijiet fundamentali mhijiex maħsuba biex isservi ta' appell jew kassazzjoni minn sentenzi li jkunu għaddew in ġudikat. Proprju f'dan il-kaz, ir-rikorrent qiegħed ilibbes l-ilment tiegħu bħala vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tagħhom meta dan ma huwa xejn ħlief appell ġdid mill-apprezzament milħuq mill-Bord. Isegwi għalhekk li ilment bħal dan ma jistax jiġi mistħarreġ mil-lenti ta' vjolazzjoni ta' drittijiet fundamentali u għalhekk għandu jiġi mwarrab;

Illi fi kwalunkwe kaz l-allegazzjoni tar-rikorrent illi l-Kummissarju tar-Refuġjati illum l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv fi ħdan l-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali naqas milli jiġġustifika jew jagħti raġuni għar-rifjut ta' protezzjoni internazzjonali hija invertiera stante l-*evaluation reports* (hawn anness u rrimarkat bħala Dok 'Refcom 1 sa Refcom 4') u rakkomandazzjoni tal-istess Kummissarju tar-rifuġjati (annessi mar-rikors promotur bhala Dok A, B, C,D E, F u G) jispjegaw r-raġunijiet kollha fuq liema l-Kummissarju tar-refuġjati bbaza d-deċizjoni tiegħu;

Illi mingħajr preġudizzju għal dak li ngħad aktar kmieni f'din ir-risposta, l-esponenti jissottomettu li l-proċeduri quddiem il-Bord ma huma mtappna mill-ebda vjolazzjoni tad-dritt għal smigħ xieraq. Illi l-prinċipju tal-*equality*

*of arms* jimplika li kull parti għandu jkollha l-opportunita' raġjonevoli li tipprezenta l-kaz u l-provi tagħha taħt kundizzjonijiet li ma jqiegħduhiex fi zvantaġġ fil-konfront tal-parti l-oħra. Il-prinċipju tal-*equality of arms* huwa xorta waħda rispettat jekk il-partijiet jingħataw il- fakulta' li jipprezentaw il-kaz tagħhom anke jekk fil-forma skritta;

Illi jiġi rrilevat illi hija prassi ormai segwita illi m'hemmx il-ħtieġa li tiġi ffisata seduta u jitresqu sottomissjonijiet bil-fomm f'proċeduri ġudizzjarji jew kwazi ġudizzjarji. Huwa bizzejjed illi z-zewġ partijiet jingħataw l-istess opportunita' sabiex jressqu is-sottomissjonijiet tagħhom, u din l-opportunita' tista tkun waħda bil-miktub u mhux ta' bilħaqq u ta' bilfors b'mod orali;

F'dan ir-rigward l-esponent jagħmel referenza għas-sentenza **Gourmet Company Limited vs Avukat Generali**[1] deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Ġunju 2006 fejn il-Qorti ddeċidiet hekk:

> "*Mhux kull talba li ssir lil xi Qorti trid bilfors tagħti lok għall-trattazzjoni orali, u diment li kull parti tingħata l-istess opportunita' biex tressaq il-każ tagħha, ir- regoli ta' smigħ xieraq ikunu sodisfatti. Biex persuna tiġi 'mismugha', mhux meħtieġ li din tingħata dejjem u f'kull każ id-dritt li titkellem, basta li tingħata l- opportunita' li, b'xi mod, tikkomunika l-ħsibijiet tagħha. Meta l-Qorti taqra dak li jkun kiteb parti biex isostni l-punt tiegħu, hu kien qed jingħata smigħ xieraq.'* "

Illi *di piu'* il-Qorti għad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem (ECHR) fil-kawza Miller vs Sweden speċifikament kkunsidrat illi:

[1] Rikors Numru 58/2005

> "*Thus, leave-to-appeal proceedings and proceedings involving only questions of law, as opposed to questions of fact, <u>may comply with the requirements of Article 6 even though the appellant was not given an opportunity of being heard in person by the appeal or cassation court.</u>*"

Illi fir-rigward tad-dritt li persuna tingħata opportunita' li ssemma leħinha qabel tingħata deċiżjoni, l-esponent jagħmel referenza wkoll għas-sentenza ***A & J Ta' Miema Ltd vs Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjudi*** [2]deċiża mill-Prim Awla ta-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fl-14 ta' Ottubru 2004 fejn il-Qorti ppreċizat illi:

> *"ovvjament, il-prinċipju audi alteram partem, ma jfissirx li l-parti milquta trid bilfors tinstema' iżda li tingħata l-opportunita' tressaq il-każ tagħha.*"

Illi l-esponent jagħmel referenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet ***Ġanni Direttur Ġenerali tad-Dipartiment Veterinary and Phytosanitary Regulation*** [3]deċiża mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-11 ta' Lulju 2014 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fejn il-Qorti għamlet referenza għal dak li qal Lord Bridge u qalet hekk:

"*Ikompli jsostni Lord Bridge* fil-kawża "Lloyd vs Mc Mahom" tal-1987 ċitata f'paġna 335 tal-Judicial Handbook Review (1994) –

> *"the so-called rules of natural justice are not engraved on tablets of stone. To use the phrase which better expresses the underlying concept, what the requirements of fairness demand when any body,*

[2] Rikors Numru 12/2004
[3] Rikors Numru 114/2012
4.Vde Sentenza tal-Qorti tal-Appell (sede inferjuri) fl-ismijiet 'Albert Beilard vs Director tad-Dipartiment tac-Citadinanza u Expatriate Affairs' deċiza fid-9 ta' Lulju 2020 fejn intqal illi: <u>*l-essenzjal tal-fair harin hu likull parti tingħata l-opportunita' li tressaq il-kaz tagħha b'mod li l-Qorti tkun f'qagħda li kif jfħid il-Malti tisma' z-zewġt iqniepel. M'hemmx għalfejn li kun hemm trattazzjoni orali'…*</u>

*domestic, administrative or judicial, has to make a decision which will affect the rights of individuals depends on the character of the decision-making body, the kind of decision it has to make and the statutory or other framework in which it operates"*

*………………………………*

*...ma jistax jingħad li dan il-prinċipju tal-audi alteram partem ġie mittiefes għaliex fl-aħħar mill-aħħar anki mill-ġurisprudenza kkwotata ma twassalx li bilfors irid ikun hemm xi sottomissjonijiet fit-tul u jrid ukoll jittieħed kont taċ-ċirkostamzi tal-każ..."*

Illi joħroġ ċar illi dak illi huwa essenzjali huwa illi z-żewġ partijiet jingħataw l-istess opportunita' sabiex jressqu l-każ tagħhom. Din l-opportunita' tista' tingħata permezz tas-sottomissjonijiet bil-miktub.[4]

Illi minkejja dan, l-atturi kellhom avukat tal-fiduċja tagħhom jirraprezenthom quddiem il-Bord tal-Appelli dwar ir-Refuġjati liema seduti sħħew fl-1 ta' Awissu 2019 (Mahedi Hasan), 11 ta' Lulju 2019 (Mattubar Manun), 24 ta' Lulju (Babulmia Mohammed Bepari) u fil-25 ta' Lulju 2019 (Saiful Islam) fejn l-istess avukat tal-fiduċja tal-atturi pprezenta l-kaz tal-atturi quddiem il-Bord. Għalhekk u anki f'dan is-sens, l-allegazzjoni tal-ksur tad-dritt għal smigħ xieraq m'hijiex minna;

Tajjeb li jingħad wkoll illi l-ebda mill-atturi ma ressqu xi talba fis-stadju ta' appell b'xi prova ġdida sabiex jikkonvinċu lill-Bord tal-Appell dwar ir-refuġjati illi r-rakomandazzjoni tal-Kummissarju għar-Refuġjati illum l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv fi ħdan l-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali kienet waħda zbaljata.

Illi għandu jiġi rilevat illi, *in primis*, fl-intavolar tal-applikazzjoni tagħhom l-atturi huma suppliti bl-informazzjoni kollha dwar id-drittijiet u obbligi bħala *asylum seekers*. *Inter alia*, l-applikanti jiġu infurmati illi għandhom dritt jikkonsultaw, a spejjez tagħhom, b'mod effettiv rapprezentat legali in relazzjoni mal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali u għandhom dritt illi jitkellmu mal-UNCHR u organizzazzjonijiet oħra li jipprovdu pariri legali. Aktar minn hekk l-istess applikanti għandhom dritt għal rapprezentant legali b'xejn fis-stadju ta' appell. Illi b'zieda ma dan, fil-bidu tal-intervista, l-applikanti jiġu infurmati dwar l-għan wara l-intervista personali u l-importanza li jirrispondu l-mistoqsijiet kollha magħmula lilhom u li jipprovdu sal-iċken dettal;

Illi l-atturi ipprezentaw is-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub quddiem il-Bord tal-Appelli dwar ir-Refuġjati waqt li l-Kummissarju għar-refuġjati għadda r-risposti tiegħu lill-istess Bord. Filfatt, l-Kummissarju għar-Refuġjati illum l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv fi ħdan l-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali pprovda biss risposti għall-ossservazzjonijiet magħmula mill-appellanti.

Dwar l-allegat nuqqas ta' *parity of arms* bejn l-appell tal-atturi quddiem il-Bord u r-risposti tal-Kummissarju għar-rifuġjati (illum l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv fi ħdan l-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali), l-esponenti jirrilevaw illi minn għandu x-xewqa illi jintavola appell għandu dritt jitkellem ma avukat u jressaq appell fi kwalunkwe forma li jidhrilu xieraq. Bl-istess raġunar, l-Kummissarju għar-refuġjati għandu dritt jressaq

risposta kif hu jidhirlu xieraq u mhux risposta xotta kif donnu jixtiequ l-atturi;

Illi l-allegazzjoni tar-rikorrenti illi l-Bord arroga fuqu rwol ta' prosekutur tirrazenta l-assurd għas-sempliċi fatt illi r-rikorrenti pprezentaw appell mir-rakomandazzjoni tal-Kummissarju għar-refuġjati u ġew notifikati bl-*evaluation reports* tal-Kummissarju għar-refuġjati (illum l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv fi ħdan l-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali) fil-konfront tagħhom;

Illi l-Kummissarju għar-Refuġjati illum l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv fi ħdan l-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali dak iz-zmien kien stabbilit permezz tal-artikolu 420 tal-Liġijiet ta' Malta u kellu funzjoni b'awtorita' amministrattiva u mhuwiex enti ġudikanti kif qiegħdin jippretendu r-rikorrenti. Ma hemm xejn x'jistona mal-Kostituzzjoni ta' Malta jew l-Konvenzjoni Ewropeja l-fatt illi l-Awtorita' li tezamina applikazzjonijiet bħal tal-atturi tgħaddi mill-ewwel fazi mill-Kummissarju għar-Refuġjati. Illi aktar minn hekk m'hemm ebda talba sabiex l-istess Kapitolu tal-Liġi li jirregola l-obbligi tal-Kummissarju għar-Refuġjati hija leziva tal-Kostituzzjoni u għaldaqstant din il-premessa tar-rikorrenti hija frivola u superfiċjali;

Illi jsegwi li l-lanjanzi u t-talbiet kollha tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez.

Semgħet il-provi.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet finali tal-intimati.

Rat illi nonostante l-fakolta' lilhom konċessa r-rikorrenti baqgħu ma ppreżentawx nota ta' sottomissjonijiet finali.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat**

Permezz ta' din il-kawża r-rikorrenti qegħdin ifittxu li jiksbu dikjarazzjoni ta' ksur tad-drittijiet tagħhom għal smigħ xieraq kif dan il-jedd huwa mħares ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. L-aġir lamentat huwa marbut mal-proċess ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali u l-kisba ta' istatus ta' rifuġjati senjatament għaliex fil-fehma tar-rikorrenti d-dritt tagħhom għal smigħ xieraq ġie leż billi l-proċess in kwistjoni ma jagħtix garanzija ta' *equality of arms*, jippreżenta aġir *ultra vires* kif ukoll nuqqas ta' indipendenza u imparzjalita' da parti ta' min jiġġudika.

L-intimati eċċepew in via preliminari illi l-Kummissarju tal-Pulizija mhuwiex leġittimu kuntradittur għat-talbiet tar-rikorrenti stante illi l-għoti o meno tal-istatus ta' rifuġjat huwa ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kap 420 kompitu fdat esklussivament fil-mansjonijiet tal-Uffiċjal Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija dwar il-Protezzjoni Internazzjonali.

Eċċepew ukoll illi d-drittijiet ravviżati taħt l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma japplikawx għall-każ in diżamina għaliex id-dritt għal-smigħ xieraq ma japplikax għall-proċeduri t'ażil liema proċeduri la jiddeterminaw drittijiet ċivili u lanqas proċeduri kriminali. In oltre eċċepew illi d-dritt għal smigħ xieraq irid jiġi meqjus fil-kuntest tal-proċess intier fejn ir-rikorrenti kellhom kull dritt li jiddefendu l-pożizzjoni tagħhom u ngħataw sentenza li mmotivat iċ-ċaħda tat-talbiet tagħhom.

Mill-provi jirriżulta illi r-rikorrenti huma erbgħa ċittadin tal-Bangladexx li ħarbu minn pajjiżhom u daħlu Malta irregolarment fis-sena 2018. Minnufih malli waslu Malta r-rikorrenti nqdew bil-proċedura kontemplata taħt il-Kap 420 u applikaw rispettivament għall-ażil fuq il-bażi illi r-rimpatriazzjoni tagħhom lura l-Bangladexx kienet ser tesponihom għal riskji serji għal ħajjithom.

B'deċiżjoni tas-27 ta' Frar 2019 Uffiċjal Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija dwar il-Protezzjoni Internazzjonali ċaħad it-talba tar-rikorrenti Mahedi Hasan għar-raġuni li l-applikant ma ssodisfax il-kriterji sabiex ikun eliġibbli għall-għoti ta' status ta' refuġjat kif ukoll għaliex l-applikazzjoni tiegħu ġiet ritenuta bħala "*manifestly unfounded*". Din id-deċiżjoni ġiet konfermata fl-appell mill-Bord tal-Appelli dwar ir-Refuġjati b'deċiżjoni tal-5 ta' Settembru 2019.

B'deċiżjoni tat-12 ta' Diċembru 2018 l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija dwar il-Protezzjoni Internazzjonali ċaħad it-talba tar-rikorrenti Matubur Mamun għar-raġuni li l-applikant ma ssodisfax il-kriterji sabiex ikun eliġibbli

għall-għoti ta' status ta' refuġjat kif ukoll għaliex l-applikazzjoni tiegħu ġiet ritenuta bħala "*manifestly unfounded*". Din id-deċiżjoni ġiet konfermata fl-appell mill-Bord tal-Appelli dwar ir-Refuġjati b'deċiżjoni tal-25 ta' Lulju 2019.

B'deċiżjoni tat-18 ta' Diċembru 2018 l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija dwar il-Protezzjoni Internazzjonali ċaħad it-talba tar-rikorrenti Mohammed Bepari Babulmia għar-raġuni li l-applikant ma ssodisfax il-kriterji sabiex ikun eliġibbli għall-għoti ta' status ta' refuġjat kif ukoll għaliex l-applikazzjoni tiegħu ġiet ritenuta bħala "*manifestly unfounded*". Din id-deċiżjoni ġiet konfermata fl-appell mill-Bord tal-Appelli dwar ir-Refuġjati b'deċiżjoni tat-30 t'Ottubru 2019.

B'deċiżjoni tad-29 ta' Jannar 2019 Uffiċjal Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija dwar il-Protezzjoni Internazzjonali ċaħad it-talba tar-rikorrenti Islam Saiful għar-raġuni li l-applikant ma ssodisfax il-kriterji sabiex ikun eliġibbli għall-għoti ta' status ta' refuġjat kif ukoll għaliex l-applikazzjoni tiegħu ġiet ritenuta bħala "*manifestly unfounded*". Din id-deċiżjoni ġiet konfermata fl-appell mill-Bord tal-Appelli dwar ir-Refuġjati b'deċiżjoni tat-3 t'Ottubru 2019.

In vista tal-eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimati, u tenut kont li jekk dawn l-eċċezzjonijiet jirriżultaw ippruvati dan ser iwassal għat-tmiem tal-proċeduri, l-Qorti sejra tgħaddi minnufih sabiex tindirizza lilhom.

Fl-ewwel lok, ġie eċċepit illi l-Kummissarju intimat mhuwiex leġittimu kuntradittur għat-talbiet tar-rikorrenti stante illi mhuwiex il-kompitu tiegħu li jiddeċiedi dwar applikazzjonijiet bħal dawk mertu ta' dawn il-

proċeduri. Jgħid għalhekk illi in virtu ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

L-Artikolu 181B tal-Kapitolu 12 jipprovdi li:

> *"(2) L-Avukat tal-Istat jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern."*

Mill-atti ta' din il-kawża il-Qorti m'għandha l-ebda dubju li l-pedament tal-azzjoni odjerna hija ċ-ċaħda tat-talbiet tar-rikorrenti għal kisba ta' status ta' refuġjat. Ai termini tal-Artikolu 4 tal-Kap 420 jidher ċar illi l-persuna nkarigata li tiddeċiedi dwar jekk applikant huwiex eliġibbli għal status ta' rifuġjat huwa l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija dwar il-Protezzjoni Internazzjonali u huwa dan l-istess Uffiċjal li għandu r-rappreżentanza tal-Gvern ta' Malta f'kawżi bħal ma hija dik ta' llum fejn proprju qed tiġi kontestata d-deċiżjoni tal-istess Uffiċjal Kap Eżekuttiv.

Għalhekk, stabbilit illi l-Kummissarju tal-Pulizija mhuwiex leġittimu kuntradittur għat-talbiet tar-rikorrenti, l-Qorti sejra tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju.

Permezz tat-tieni eċċezzjoni tagħhom l-intimati qegħdin jeċċepixxu illi d-deċiżjoni tal-Uffiċjal Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija dwar il-Protezzjoni Internazzjonali ma tammontax għal determinazzjoni ta' jeddijiet ċivili jew

il-kommissjoni ta' reat u għaldaqstant ma jistax jiġi nvokat ksur tad-dritt tar-rikorrenti għal smigħ xieraq.

Dan il-punt ġie diversi drabi trattat u deċiż minn dawn il-Qrati. Huwa minnu li l-Qrati mhux dejjem ħadu l-istess pożizzjoni għar-rigward u filfatt teżisti ġurisprudenza li ċaħdet din ix-xorta t'eċċezzjoni. Madanakollu, hemm ukoll sensiela ta' ġurisprudenza, sia lokali kif ukoll tal-Qorti Ewropeja, li tikkonsolida l-posizzjoni tal-Qrati dwar is-siwi ta' din l-eċċezzjoni.

Fil-*Guide on Article 6 of the European Convention on Human Rights – Right to a fair trial (civil limb)*, li jinkorpora fih il-każistika tal-Qorti Ewropea dwar l-Artikolu 6, jingħad illi din id-disposizzjoni ma tapplikax:

> *"76. Matters outside the scope of Article 6 include tax proceedings: tax matters still form part of the hard core of public-authority prerogatives, with the public nature of the relationship between the taxpayer and the community remaining predominant (ibid., § 29). Similarly excluded are summary injunction proceedings concerning customs duties or charges (Emesa Sugar N.V. v. the Netherlands (dec.), 2005).*
>
> *77. The same applies, in the immigration field, to the entry, residence and removal of aliens, in relation to proceedings concerning the granting of political asylum or deportation (application for an order quashing a deportation order: see Maaouia v. France [GC], 2000, § 38; extradition: see Peñafiel Salgado v. Spain (dec.), 2002; Mamatkulov and Askarov v. Turkey [GC], 2005, §§ 81-83; and an action in damages by an asylum-seeker on account of the refusal to grant asylum: see Panjeheighalehei v. Denmark (dec.), 2009), despite the possibly serious implications for private or family life or employment prospects."*

Il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet **Mariama Ngady Parsons vs L-Aġenzija għal Protezzjoni Internazzjonali et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' Jannar 2023. Din id-deċiżjoni kienet xprunata minn appell mis-sentenza tal-Ewwel Qorti tal-1 ta' Marzu 2022 li fost l-oħrajn ċaħdet l-eċċezzjoni u ddikjarat li l-proċess taħt il-Kap 420 jilledi d-dritt għal smigħ xieraq.

Fis-sentenza tagħha l-Qorti Kostituzzjonali għamlet referenza għas-sentenza tagħha stess tad-29 ta' Mejju 2009 fl-ismijiet **Muhammed Mokbel Elbakry v. Onor. Prim Ministru et** fejn ingħad hekk:

> *"»10. Reference is also made to the decision of the First Hall of the Civil Court of the 13 July 2007 in the case Hekmat Mohammed Moatti El Fraie v. L-Onor. Prim Ministru et, and to the judgments of the ECtHR therein referred to. Asylum proceedings under our law are and remain essentially administrative proceedings, and the right granted in sub-article (9) of article 7 of Chapter 420 to apply for constitutional redress does not mean that those proceedings, whether before the Commissioner or the Board, are proceedings leading to a determination of a civil right or obligation within the meaning of article 6(1) of the Convention and article 39(3) of the Constitution.«"*

B'referenza għall-proċess kontemplat ai termini tal-Artikolu 23(3) tal-Kap 420 il-Qorti Kostituzzjonali żiedet tosserva illi:

> *15. ... Il-proċess kollu – kemm quddiem l-Aġenzija u kemm quddiem it-Tribunal – huwa meqjus bħala proċess li ma huwiex dwar determinazzjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili jew ta' akkużi kriminali, u għalhekk ma jaqax taħt id-disposizzjonijiet tal-art. 39 tal-Kostituzzjoni jew tal-art. 6 tal-Konvenzjoni.*

Din l-istess linja ta’ ħsieb ġiet ukoll applikata fil-kawżi fl-ismijiet: **Ramadan Wahba Mabrouk Louay v. L-Onorevoli Viċi Prim Ministru u Ministru Għall-Ġustizzja u l-Intern** deċiża fil-25 ta’ Mejju, 2012; **Tarek Mohammed Ibrahim v. Viċi Prim Ministru** deċiża fit-28 ta’ Mejju, 2012; **Yazan Harmoush v. Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Ġustizzja u l-Intern et** deċiża fit-28 ta’ Settembru, 2012; u **Dilek Sahan et v. Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern et** deċiża fit-22 ta’ Frar, 2013.

Għalhekk, din il-Qorti sejra tilqa’ l-eċċezzjoni tal-intimati u tiddikjara illi t-talbiet tar-rikorrenti, safejn dawn jolqtu ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, ma jistgħux jiġu mistħarrġa taħt dawn iż-żewġ artikoli tal-liġi.

Għar-raġunijiet kollha hawn fuq premessi, din il-Qorti qegħda taqta’ u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa’ l-eċċezzjonijiet preliminari u waqt illi tillibera lill-intimat Kummissarju tal-Pulizija mill-osservanza tal-Ġudizzju, tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-bqija tat-talbiet u tal-eċċezzjonijiet.

L-ispejjeż kollha ta’ din il-kawża jitħallsu mir-rikorrenti bejniethom.

IMĦALLEF

Deputat Reġistratur